MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 07 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 435/2002

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**John Gatt u martu Bridget Gatt**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u tmienja u sittin lira Maltin, (LM2,268.00,0) rappresentanti import ta' tmienja u ghoxrin (28)-il kambjala, kollha ta' LM81 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn April 2000 sa Lulju 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala**

**dokumenti numri minn 1 sa 28 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-1 ta' Lulju 2002 jammontaw ghall-LM216, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' socjeta' attrici datata 29 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha rriduciet is-sorte bis-somma ta' LM642 u zammet ferm ghall-bilanc tas-sorte ta' LM1,626.00,0 bl-imghax mit-30 ta' Lulju 2002 u l-ispejjez tal-kawza**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fid-29 ta' Ottubru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**